MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 779/2007

**L-Avukat Antoine Naudi (ID 448570 M) bhala mandatarju specjali ta` Giuseppe Vaccina detentur tal-karta ta` l-identita` Taljana AO 1254995, ezercitanti l-kummerc taht l-isem R.R. di Vaccina**

**Vs**

**D.I. Limited (C 20906)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Ottubru, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija, sebgha u ghoxrin lira, disgha u erbghin centezmu (Lm 627.49), rapprezentanti prodotti suppliti mill-attur kif jirrizulta minn fattura annessa u mmarkata Dok. A datata 12 ta` Gunju, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz

kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tad-dirigenti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta` konvenuta ma deheritx la fis-seduta tat-23 ta` Novembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument ezebit u mmarkat Dok. A.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm 627.49, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta` Gunju, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------